Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Diċembru 2017**
**(OR. en)**

**15638/17**

**ENFOCUSTOM 280**
**UD 304**
**SAN 463**
**DROIPEN 189**
**COPEN 413**
**FISC 356**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 7 ta' Diċembru 2017 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 11761/3/17 REV3 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk fl-UE<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Diċembru 2017) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk fl-UE, adottati mill-Kunsill fit-3584 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2017.

**ANNESS**

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**

**DWAR L-INTENSIFIKAR TAL-ĠLIEDA KONTRA L-KUMMERĊ ILLEGALI**

**TA' PRODOTTI TAT-TABAKK FL-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JILQA' r-rapport ta' progress dwar ir-'Rapport ta' Implimentazzjoni dwar it-Tabakk'[1] tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tagħha,

IMĦASSEB ĦAFNA biż-żieda kontinwa tas-suq illegali tat-tabakk fl-Unjoni Ewropea, li minnu s-sigaretti manifatturati jew ikkumerċjalizzati illegalment jikkostitwixxu bil-bosta l-akbar sehem, u biż-żieda fil-kummerċ illegali tat-tabakk tal-pipa tal-ilma u prodotti oħra tat-tabakk,

FILWAQT LI JQIS l-impatt finanzjarju negattiv sinifikanti ta' dan il-kummerċ illegali fuq il-baġit tal-UE u l-Istati Membri, u wkoll l-impatt negattiv konsiderevoli tiegħu fuq il-protezzjoni tas-saħħa u l-istat tad-dritt,

IMĦASSEB ĦAFNA bil-fatt li gruppi tal-kriminalità organizzata huma attivi ħafna fil-kuntrabandu ta' prodotti tat-tabakk u bl-għadd dejjem jikber ta' siti ta' produzzjoni illegali żarmati fi ħdan l-UE,

[1] 9319/17

FILWAQT LI JFAKKAR fil-prijoritajiet u l-kompiti li ġew stabbiliti f'dokumenti strateġiċi bħall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020[2], il-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja bejn l-2018 u l-2021, li jinkludu l-frodi fiskali bħala prijorità kriminali[3], il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-immaniġġjar tar-riskju doganali[4], il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha[5], Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Doganali[6], il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Skambju Msaħħaħ ta' Informazzjoni Relatata mad-Dwana ma' Pajjiżi Terzi[7], u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE[8].

WAQT LI JFAKKAR fir-rilevanza kontinwa u l-importanza tal-prijoritajiet u l-kompiti li ġew stabbiliti f'dokumenti strateġiċi u oħrajn relatati mal-kummerċ illegali tat-tabakk bħall-istrateġija tal-UE għall-2013 biex tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tat-tabakk[9] u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha[10] u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u forom oħra ta' kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk fl-UE[11].

WAQT LI JFAKKAR fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016.

WAQT LI JENFASIZZA l-importanza tat-tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskju doganali permezz tal-indirizzar tar-riskji, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-iffaċilitar tal-kummerċ u waqt li jfakkar is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni (ICS) bħala inizjattiva ewlenija biex tissaħħaħ l-analiżi tar-riskju f'ħin reali u tiġi appoġġata kollaborazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra;

FILWAQT LI JINNOTA li l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija għall-Ġestjoni tar-Riskju ssottolinjat li "kontrolli effettivi u effiċjenti u miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jissaħħu billi tiġi żviluppata aktar il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u jittejbu l-aċċessibbiltà relatata u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar ir-riskju",

---

[2] 9798/15
[3] 9450/17
[4] 14894/16
[5] 7585/1/17 REV 1
[6] 7586/17
[7] 14220/6/16
[8] 10151/17
[9] 11014/13 + COR 1
[10] 11014/13 + ADD1
[11] 16644/13

FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol tal-awtoritajiet tad-dwana bħala l-awtorità ewlenija għall-kontroll tal-moviment transfruntier ta' oġġetti, speċjalment fir-rigward tal-kontributi ewlenin għall-manifattura ta' sigaretti (tagħmir, ċelluloża/filtri aċetati, karti tas-sigaretti, tabakk mhux maħdum) u prodotti tat-tabakk (sigaretti, tabakk imqatta', tabakk sfuż, tabakk tal-pipa tal-ilma, likwidi li fihom in-nikotina tas-sigaretti elettroniċi, tabakk li ma jdaħħanx),

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza ta' kooperazzjoni effettiva multilaterali, multidixxiplinari u multinazzjonali bejn l-awtoritajiet rilevanti fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-UE u ma' pajjiżi terzi u partijiet rilevanti oħra fil-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk fl-UE,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li għandha tiġi żgurata l-konsistenza bejn azzjonijiet li għandhom l-għan li jiġġieldu l-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk u l-prijorità taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021 kontra l-kriminalità dwar il-frodi tas-sisa u li l-esperjenza miksuba minn azzjonijiet u konklużjonijiet preċedenti għandhom jitqiesu kif dovut,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u sanzjoni effikaċi ta' reati marbuta mal-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk, inkluż permezz ta' qbid u konfiska tar-rikavat minn attività kriminali u billi jipprevjenu li dawn il-fondi jiċċirkolaw fl-ekonomija tal-UE,

FILWAQT LI JINNOTA l-importanza tal-implimentazzjoni u tal-isforzi għat-trawwim tal-implimentazzjoni internazzjonali tal-miżuri meħtieġa ta' kontroll tal-katina tal-provvista, bħal dawk previsti fid-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk u l-Protokoll biex jiġi eliminat il-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk tal-Konvenzjoni Qafas tal-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk (il-Protokoll FCTC),

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza dejjem tikber li jiġi indirizzat il-fenomenu tas-sigaretti bojod u ordinarji u d-djalogu mal-pajjiżi tas-sors prinċipali u ta' tranżitu barra l-UE sabiex tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-intelligence u l-kooperazzjoni,

FILWAQT LI JINNOTA li hemm ħtieġa li jittejjeb l-approċċ ta' aktar minn aġenzija waħda u li jkun hemm kondiviżjoni ta' informazzjoni analitika fost l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE u l-korpi tal-UE (fosthom l-OLAF u DG TAXUD, l-Europol u l-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)),

FILWAQT LI JINNOTA li hemm il-ħtieġa li jitnaqqsu l-inċentivi għal attivitajiet illeċiti u l-aċċettabilità soċjali tal-kummerċ illegali tat-tabakk,

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, kull wieħed u waħda fl-isfera tal-kompetenza tagħhom biex:

- itejbu l-kapaċitajiet operazzjonali fil-livell nazzjonali u Ewropew biex jiġi identifikat u investigat il-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk, inkluż billi:
  - itejbu l-ġestjoni tar-riskju, kif indikat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-ġestjoni tar-riskji doganali;
  - isaħħu l-ġbir tad-data u l-informazzjoni bbażati fuq soluzzjonijiet analitiċi avvanzati tal-IT u jinħolqu għażliet ta' interoperabilità fil-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tat-tabakk;
- jieħdu l-miżuri meħtieġa biex titjieb il-kooperazzjoni u jissaħħaħ l-approċċ bejn id-diversi aġenziji fil-livelli nazzjonali u tal-UE u dawk internazzjonali u fost il-partijiet ikkonċernati fl-UE u dawk internazzjonali billi jikkondividu l-informazzjoni, l-għoti ta' aċċess, l-użu ta' pjattaformi eżistenti u mezzi ta' komunikazzjoni, bħal AFIS tal-OLAF, CRMS ta' DĠ TAXUD, SIENA tal-Europol, CEN ta' WCO, l-Eurosur ta' Frontex u li jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data u r-rispett tal-kompetenzi;
- jieħdu l-miżuri meħtieġa biex inaqqsu l-aċċettabilità soċjali tal-konsum ta' prodotti tat-tabakk illegali u l-kummerċ illegali tat-tabakk;
- jesploraw soluzzjonijiet li jwasslu għal monitoraġġ aktar sistematiku tal-materja li hija fil-qofol tal-produzzjoni ta' prodotti tat-tabakk (bħal makkinarju, tabakk mhux ipproċessat, filtri u karti użati mill-industrija tat-tabakk u prodotti tat-tabakk ġodda (bħas-sigaretti elettroniċi, it-tabakk bla duħħan).

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex:

- jikkunsidraw ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Protokoll FCTC;
- jespandu l-kooperazzjoni internazzjonali permezz tal-għodod disponibbli mingħand il-Frontex u l-Europol flimkien ma' sistemi u bażijiet tad-data oħra għall-iskambju ta' informazzjoni, mingħajr ma jidduplikaw sistemi ta' skambju ta' informazzjoni eżistenti u li jiffunzjonaw tajjeb;

- itejbu l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-awtoritajiet ta' investigazzjoni u tal-infurzar tal-liġi, biex ikun hemm ġlieda effettiva kontra l-kummerċ illegali tat-tabakk, pereżempju bit-twaqqif ta' timijiet konġunti ta' investigazzjoni jew ta' analiżi abbażi tal-Konvenzjoni ta' Napli II;
- jiżguraw li l-investigazzjonijiet ikunu komprensivi, li jinkludu l-flussi tal-flus kriminali u l-irkupru tal-assi illegali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex:

- tippromwovi l-Protokoll FCTC lil pajjiżi terzi (partikolarment il-pajjiżi tas-sors prinċipali u ta' tranżitu) u biex jintensifikaw l-isforzi biex jipprevjenu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk fi sħubija ma' dawk il-pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-inċentivi fiskali li jirfdu l-kummerċ illegali tat-tabakk;
- jipprovdu dokument, li janalizza d-dispożizzjonijiet individwali tal-Protokoll FCTC u li jiddiskuti l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;
- jiddeterminaw l-istandards tekniċi tas-sistema ta' Traċċar u Rintraċċar skont id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk, li m'għandhomx jimponu piżijiet sproporzjonati fuq l-operaturi, b'mod partikolari l-operaturi żgħar u ta' daqs medju.
- jippreżentaw pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi miżuri ġodda biex tiġi indirizzata l-problema tas-'sigaretti bojod u ordinarji' bħala kwistjoni ta' urġenza;
- jespandu n-netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament tal-OLAF għall-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu tal-prodotti illegali tat-tabakk u jużaw in-netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Europol;
- janalizzaw il-ħtiġijiet ta' rappurtar u l-oqsma tal-formola għar-rappurtar u jwettqu analiżi regolari ta' data miġbura u jipprovdu ħarsa ġenerali ta' rapporti strateġiċi u operazzjonali dwar il-kummerċ illegali tat-tabakk lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-Europol, il-Frontex, l-OLAF u partijiet ikkonċernati oħra.